**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 11 – IT-TNEJN, 23 TA' SETTEMBRU 2013 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier (5.50pm) |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 10**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2. Punti li joħorġu mill-minuti**

2.1 Kien hemm diskussjoni rigward it-talba tal-ħanut "Pinto" biex iċekken is-soft area ta' quddiemu biex ikun jista' jagħmel aktar imwejjed u siġġijiet. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta minħabba li ser titneħħa s-soft area u jibqa' biss is-siġar. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm 4 favur (Etienne Bonello Du Puis, Marica Bayliss, Dominic Cassar u Neville Mallia) u 3 astensjoni (Rita Saliba, Joan Farrugia u Trevor Fenech).

Is-Sur Malcom Abdilla daħal ghal-laqgħa fis-5.50pm

2.2 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet rigward il-bollard l-imkisser li jinsab mal-masġar. Dan il-bollard ma jistax jiġi rranġat u hemm bżonn li jinxtara ieħor,

imma ma nstabx wieħed bħalu. Ġie deċiż li ssir talba lill-Works Division biex naraw jekk għandhomx wieħed bħalu.

2.3 Is-Sinjura Rita Saliba għamlet referenza għall-minuti numru 10 paragrafu 7.1 fejn hi ċaħdet li kienet taf bil-press conference tas-Segretarju Parlamentari nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu 2013. Is-Sinjura Marica Bayliss u s-Sur Dominic Cassar baqgħu jinsistu li hi kienet mgħarrfa.

2.4 Is-Sur Trevor Fenech għamel referenza għall-minuti numru 10 paragrafu 7.4 u informa lill-Kunsill li t-Tribute Band ser ikun One Direction u mhux Justin Bieber.

**3 Pagamenti Numru 9**

3.1 Is-Sur Malcolm Abdilla ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4. Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill fuq il-proposta ta' kumpanija privata li ser tissottometti applikazzjoni għal żvilupp tal-bini Wentworth fi Triq Sant'Andrija kif ukoll proġett biex jiġu embellished il-Cart Ruts fi Triq il-Mensija. Kien hemm qbil unanimu fuq din.

4.2 Kien hemm diskussjoni fuq it-tender għal servizzi ta' Perit. Ġie deċiż li tinħareġ peress li kienet skadiet.

4.3 Kien hemm diskussjoni fuq it-tender tas-servizzi ta' ġbir ta' skart domestiku. Din għandha toħroġ b'servizz door to door biss mingħajr skips. Ġiet ukoll diskussa l-possibbiltà li jibda jinġabar l-iskart filgħaxija. Ittieħdet parir mill-Kunsill tas-Sliema fejn ikkummentaw li marru aħjar. Għandha tinġabar aktar informazzjoni minn kunsilli oħra u terġa' tiġi diskussa l-laqgħa li jmiss.

4.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed jikkunsidra li jbiddel xi responsabbiltajiet ta' xi Kunsilliera. Għandu jħabbar dan fil-laqgħa li jmiss.

**5 Korrispondenza**

5.1 Ġiet innutata talba biex issir double yellow line quddiem il-Mużew fi Triq San Ġwann tal-Għorgħar. Għandu jagħmel site inspection is-Sur Neville Mallia.

5.2 Ġiet innutata r-risposta tal-Arriva fejn fir-rotta mhux suppost jgħaddu minn Triq l-Ortolan. Huma talbu biex ninfurmawhom jekk inkunu nafu li għaddew minn din it-triq.

5.3 Għandha tinħareġ No Objection biex il-posta, fi Triq il-Mensija, tagħmel tabella "Fire Assembly Point" faċċata tagħhom.

5.4 Ġiet diskussa talba minn resident minn Triq il-Ħġejjeġ biex jitneħħew l-iskips tar-reċiklar minn Triq G Grech. Ġie deċiż li dawn ma jitneħħewx.

**6. Affarjiet oħra.**

6.1 Is-Sur Malcolm Abdilla lmenta rigward kaxxex li tpoġġew minn xi nies għall-qtates. Dawn saru eyesore u maħmuġin ħafna. Ġie deċiż li jitneħħew. Hu lmenta wkoll li l-kollezzjoni tal-ħġieġ minn Green Pak ma sarx kullimkien. Il-Kunsill ġie infurmat li dan l-ilment diġà ġie mgħoddi lil Green Pak.

6.2 Is-Sinjura Rita Saliba talbet biex jitneħħa r-reserved parking fi Triq Bernardette minħabba li m'għadux joqgħod hemm. Hi talbet ukoll biex isir il-poġġaman fi Triq il-Ġiżi li kien approvat żmien ilu.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex il-Grupp tal-Craft jerġgħu jibdew jiltaqgħu il-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

6.4 Is-Sur Trevor Fenech informa lill-Kunsill li hemm ħsara fil-Wifi ta' Misraħ il-Ward. Il-Kunsill ġie infurmat li diġà kien irrappurtat. Hu talab ukoll biex isir refreshing tar-reserved tal-BOV. Hu ta update tal-ħidma li qed isir fuq l-attivitajiet li hemm ippjanati.

6.5 Is-Sur Dominic Cassar talab biex fis-service road quddiem is-Savemart, tinbidel għal 60 minuta minn 45 minuta timed parking. Kien hemm qbil fuq dan. Hu informa lill-Kunsill li d-derelict cars ser jiġu towed nhar l-Erbgħa, 25 ta' Settembru 2013. Hu talab ukoll biex issir talba biex is-servizz tas-Speech Therapist jibda jsir fic-Child Minding Centre. Hu informa lill-Kunsill li TM ser tagħmel il-manutenzjoni neċessarji fit-triq prinċipali.

Is-Sinjura Rita Saliba ħarġet mill-laqgħa fit-8.00pm

## 7. Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.10pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2013 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**